

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Frar 2012 minn Noscira, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fit-28 ta' Novembru 2011 fil-Kawża T-307/11 — Noscira, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-69/12 P)

(2012/C 389/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Noscira, SA (rappreżentant: A. Sirimarco, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Permezz ta' digriet tal-21 ta' Settembru 2012 il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Administrativo e Fiscal do Porto (il-Portugall) fit-18 ta' Settembru 2012 — Portgás — Sociedade de Produção e Distribuição de Gás, SA vs Ministério do Ambiente, do Ordenamento do Território e do Desenvolvimento Regional**

(Kawża C-425/12)

(2012/C 389/04)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Administrativo e Fiscal do Porto

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Portgás — Sociedade de Produção e Distribuição de Gás, SA

Konvenut: Ministério do Ambiente, do Ordenamento do Território e do Desenvolvimento Regional

**Domand preliminari**

L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE <sup>(1)</sup>, tal-14 ta' Ġunju 1993, l-Artikolu 14(1)(ċ)(i) tal-istess direttiva, moqrija fid-dawl tal-emenda introdotta permezz tad-Direttiva 98/04/KE <sup>(2)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 1998, kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra minn dawn id-direttivi jew il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju applikabbli, jistgħu jiġu interpretati fis-sens li joħlqu obbligi għal konċessjonarji speċifiċi ta' servizzi pubbliċi, b'mod partikolari, entità rregolata taħt l-Artikolu 2(1)(b) tal-imsemmija Direttiva 93/38/KEE, sa fejn din id-direttiva ma ġietx trasposta għall-finijiet tad-dritt intern mill-Istat Portugiż, liema nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi jista' jiġi invokat kontra dik l-entità konċessjonarja speċifika mill-istess Stat Portugiż, permezz tal-att imputabbli lill-ministeri tagħha?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 194)

<sup>(2)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 91

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-2 ta' Ottubru 2012 — Karin Gawelczyk vs Ġenerali Lebensversicherung AG**

(Kawża C-439/12)

(2012/C 389/05)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Hamburg